Avviv Numru CCT 250/12/GZ

**Maria Cassar**

**vs**

**Queen's Dry Cleaners**

Illum 13 ta' Marzu 2013

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fis-27 ta' Settembru, 2012 fejn ir-rikorrenti talbet rifuzjoni ta' mija u tmenin Ewro (€180.00), rapprezentanti l-prezz originali ta' libsa, liema libsa, meta ntbaghtet ghad-'dry cleaning' ghand is socjeta' ntimata, giet lura ddanneggjata.

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Hija hajjata u ghandha esperjenza twila fis-sengha u materjal tal-hwejjeg. Ghalhekk, peress illi hija fehmet id-delikatezza tad-drapp tal-libsa, hija marret biha dirett ghand is-sid tas-socjeta' ntimata, biex il-komunikazzjoni fuq il-libsa tghaddi dirett bejnha u bejnu u ma jkunx hemm lok ghal disgwid. Is-sid kien ra l-libsa u accetta li jaghmel ix-xoghol skond is-sengha tieghu, bla kundizzjoni.

Huwa kien cempel lir-rikorrenti wara tliet ijiem fejn informaha li kien mexa l-kulur tad-drapp tal-libsa, ghaliex il-metarjal difettuz, u ssuggerielha li tinbidel il-parti tal-libsa fejn mexa l-kulur

tad-drapp. Ir-rikorrenti ma accettatx. Is-sid kien imbaghad baghatha ghand tal-hanut minn fejn hija kienet xtrat il-libsa, fejn impjegata ta' tali hanut kienet qalet li kienet ser tkellem lis-socjeta' ntimata ghaliex id-drapp kien ta' kwalita' tajba.

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

B'referenza ghat-talba tar-rikorrenti:

Meta r-rikorrenti marret tkellem lis-socjeta' ntimata kienet hadet zewg ilbiesi:- wahda tat-tieg 100% "pure silk" u l-libsa in kwistjoni. Minhabba l-valur tal-libsa tat-tieg, is-socjeta' ntimata kienet ghamlet emfazi aktar fuqha u din saret b'rizultat sodisfacjenti.

Meta s-socjeta' ntimata giet biex tahdem fuq il-libsa in kwistjoni, hija rat selha fuq wara, fejn kien jidher li l-kulur iccara u b'hekk hija cemplet lir-rikorrenti biex tavzaha fuq dak li hija kienet innotat. Ir-rikorrenti kienet qaltilha li kien telgha xi bugharwien u b'hekk is-socjeta' ntimata setghat tifhem il-kagun tas-selha. Wara dan, is-socjeta' ntimata kienet iccekjat il-kulr ("colour fastness test") tal-libsa u sabet li kienet terhi mhux hazin, u b'hekk hija kienet qalet lir-rikorrenti biex tghid lil tal-hanut minn fejn kienet xtrat il-libsa li l-kulur tal-libsa huwa nferjuri.

Is-socjeta' ntimata kienet uriet lir-rikorrenti kemm il-libsa terhi meta kienu qed jitkellmu fil-hanut.

Minhabba kulur instabbli fil-libsa, is-socjeta' ntimata kienet iddecidiet li ma tahdimx fuq il-libsa u b'hekk tatha lura kif kienet minghajr talba ghall-hlas.

Ghaldaqstant, is-socjeta' ntimata thoss li hija kienet responsabbli bizzejjed u li m'ghandha thallas l-ebda danni.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti hija regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub.

Ir-rikorrenti ezebiet l-ircevuta originali ta' meta xtrat il-libsa, li giet immarkata bhala Dok.MC1.

Ir-rikorrenti ezebiet il-libsa in kwistjoni *animo ritirandi* waqt is-seduta.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi fix-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, hija regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, huwa konvint illi s-socjeta' ntimata ma naqqset bl-ebda mod fis-servizzi taghha, ansi, hija marret oltre billi kienet responsabbli u professjonali bizzejjed illi ma tahsilx il-libsa in kwistjoni, liema fatt gie ppruvat a sodisfazzjoni tat-Tribunal. Illi ghalhekk, it-Tribunal qed jichad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess rikorrenti.

**Avv. Gabrielle Zammit**
**Arbitru**